# FID-DISGĦIN SENA TA' DR. A. CREMONA

Ta' Ġ. AQUILINA

HEMM ħafna okkażjonijiet soċjali li tmur għalihom, ma ngħidx fuq il-qalb, u hemm oħrajn fejn mhux biss tmur bil-qalb, imma tifraħ li tkun mistieden għal din l-okkażjoni u tirringrazzja lil min ikun stiednek. Għax ngħidilkom is-sewwa, jekk hemm ħbiberija li ili ngħożżha, din hi ħbiberija tas-Sur Nin, li wara l-ġieh li tatu l-Università ta' Malta jistħoqqlu l-isem ta' duttur — D.Litt. X'differenza hemm fid-dottorat li jittieħed f'suġġett jew ieħor wara snin twal ta' studju fl-Università? Hemm id-differenza li d-dottorat li jittieħed bi studju, li jittieħed formali bl-istudju ġo Università jew dak li jkun għadda minn mgħasra, bil-prova iebsa ta' l-eżamijiet u stħaqq it-titlu ta' duttur, duttur tal-liġi ngħidu aħna, duttur tal-mediċina, u mbagħad dak li jkun jista' jaħdem il-professjoni tiegħu, sa hawn, imma, imbagħad wara, jekk ma jagħmilx ħaġa oħra ħlief li jħaddem il-professjoni tiegħu, dan jista' jissejjaħ professjonist, u formalment duttur, għax il-grad la darba ħadu, ħadu imma mhux duttur fis-sens tal-kelma, dak il-professjonista illawrjat, li jitlaq l-istudji, jew inkella jieqaf mill-istudji.

Is-Sur Cremona huwa duttur ta' l-Università ta' Malta fis-sens storiku tal-kelma. L-Universitajiet l-aktar qodma l-aktar dawk ta' Bologna, Sorbonne, Oxford u Cambridge, bdew mhux bħala skejjel għall-professjonisti, imma bħala skejjel mingħajr ħitan ta' bini, bħal fiż-żminijiet Griegi, bħal Platun li tgħallem il-filosofija tiegħu minn għand Sokrate, jiġifieri l-bidu ta' l-Universitajiet ma kienx biex joħloq professjonisti, imma biex jagħmel in-nies għorrief, id-dutturi, fis-sens etimoloġiku tal-kelma. Fin-nisel tagħna Duttur ġejja mill-kelma latina *docere* li tfisser tgħallem, tikkomunika, ixxerred il-għerf, iddawwal il-moħħ fejn hemm id-dlam ta' l-injoranza; tillibera mill-jasar tal-passjonijiet bħalma huma għira u regħba li jressqu l-bniedem lejn l-annimal, biż-żmien l-Universitajiet, żviluppaw l-idejat tad-dottorat għal min irid jaħdem professjoni, u għal dawk illi b'kelma moderna jintefgħu għall-istudji, u jgħaddu l-għerf 'l quddiem. Bil-kelma għerf jiena nifhem kull suġġett li jitlob ix-xogħol tal-moħħ, u r-reqqa ta' sens kritiku biex dan is-suġġett jitwessa' fil-fruntieri tiegħu kollha dan isir b'dak li aħna ngħidulu *research* kelma li ili nħambaq fuqha fl-Università u fl-istampa, fiż-żmenijiet l-aktar qodma l-għaliex ilni li fhimt ħafna snin minn x'uħud aktar xjuħ minni li ma jistax ikollna Università fis-sens storiku tal-kelma mingħajr *research*. Ħaġa stramba kif aħna

l-Maltin għal ħafna snin ma tajniex każ ta' studji li ħadd ma jista' jagħmilhom hekk tajjeb daqsna, mhux għax aħna aktar bravi minn ħaddieħor imma l-materjal qiegħed hawn fostna.

Sal-lum, l-Università għad ma għandhiex kattedra għall-istorja ta' Malta. Malta magħrufa għall-istorja neolitika tagħha; għalkemm Sir Temi Zammit kixef teżori ta' ċiviltà neolitika li għaġġeb id-dinja. Sa l-1937 ma kienx hemm kattedra ta' l-ilsien nazzjonali. It-talent Malti sab ruħu mwarrab. L-Università tagħna bniet il-kattedri tagħha b'sillabi li jgħallmu suġġetti li għandhom jinsabu f'kull Università, imma li fihom aħna, anki meta nagħmlu l-aħjar li nistgħu, qatt ma nistgħu nlaħħqu ma' kattedri ta'l-istess suġġett f'pajjiżi akbar, fejn il-professuri, il-veri dutturi, jintefgħu b'ħilithom kollha fuq is-suġġett u mhux jaqsmuh kif għamilna aħna Malta bejn il-prattika privata u l-kattedra. Raġuni li għaliha l-istudji għolja baqgħu fil-livell ta' medjokrita u d-dilettantiżmu. Imma dak li ma sarx fl-Università għamluh waħidhom avolja mingħajr il-prestiġju akkademiku, nies li n-natura tathom talent għall-istudju u dawn għarfu jsarrfuh. Wieħed minn dawn l-istudjużi huwa s-Sur Nin Cremona li mindu kien żagħżugħ ħass ġibda għall-ilsien Malti li targa wara targa tellgħuh fuq il-quċċata ta' l-għerf fejn ħafna dutturi professjonisti ma waslux u qatt ma setgħu jaslu għaliex kif għidtilkom id-dottorat mhux dottorat li tieħdu darba u torqod fuqu għal għomrok u torqod fuqu qisu mħadda, imma huwa titolu li jagħti s-setgħa lil dak li jkun u jgħaddi lil ħaddieħor li kien fittex hu, kabbar u xerred. Is-Sur Nin Cremona kien wieħed li ta ftit xejn xjentifika lill-istudju tal-lingwa Maltija b'ħiltu, għax fi żmienu ma kienx hemm kattedra ta' l-ilsien tal-Malti. Kien wieħed minn nies il-qodma li ta lil Malta xogħol li messu ħareġ mill-Università, u dan flimkien ma' nies magħrufa oħra, bħalma huma Napuljun Tagliaferro, għal xi żmien Rettur ta' l-Università ta' Malta, għalkemm, mingħalija, ma kienx ħlief teacher ta' l-iskejjel. U Vassallo, għal xi żmien reġistratur fil-qrati ta' Għawdex, Ġużè Muscat Azzopardi u Dun Karm Psaila u barra xi ftit studjużi oħrajn, ħaġa ta' l-għaġeb ftit wisq minnhom prodott ta' l-Università, meħħi lil Muscat Azzopardi. Fiex wera ruħu mela s-Sur Nin Cremona biex qed nagħtuh din il-qima l-lum? Li tagħlaq disgħin sena hija grazzja t'Alla, imma ħafna oħrajn għalqu disgħin sena u isimhom intesa. Għexu kif setgħu bħal kull bniedem ordinarju, u għax kienu ordinarji ma saritilhom l-ebda ċerimonja bħal din, marru biex ninqeda b'wieħed mill-kotba tiegħu bħal *Weraq mar-Riħ*. Isimhom ma deherx fl-istorja, għax fil-ħidma tal-moħħ jew ta' l-id, għax kienu ordinarji bħall-kotra tal-bnedmin. Is-Sur Nin mhux bniedem ordinarju, is-Sur Nin hu studjuż li x-xogħol tiegħu jirtu l-pajjiż. Aħna l-werrieta tiegħu, u m'aħniex bħal werrieta li jgawdu ġidu wara l-mewt,

imma, werrieta tiegħu f'ħajtu u wara mewtu, mhux biss aħna, imma uliedna wkoll. Ismu hu marbut mal-grammatika tal-Malti, it-tagħrif tal-Malti, huwa xogħlu bil-għajnuna ta' l-istudjuż l-ieħor Vassallo. Illum meta ssemmi l-kelma grammatika, ħafna jkemmxu xufftejhom, għax issa daħlet il-moda żbaljata tat-tagħlim tal-lingwa bla grammatika. Imma, il-Malti, bħala wieħed mill-frieghi ta' l-ilsna Semitiċi ma jistax jitgħallem sewwa bla grammatika, għax, bħal lingwi oħra Semitiċi, mibni fuq struttura loġika u regolari, sakemm tista' tkun loġika u regolari l-lingwa, mibnija fuq il-qafas ta' tliet egħruq, u b'varjazzjoni ta' sekwenzi vokaliċi, joħolqu minnhom infishom ħafna kliem ieħor. Ix-xogħol ta' Cremona jista' jgħożżu biss, min jaf it-toqol ta' l-istudji Semitiċi, l-aktar għal min irid jibda jistudjahom waħdu mingħajr għajnuna. Miż-żmien li beda hu sal-lum hemm qabża kbira, imma fit-tarf tal-qabża fejn beda, jien l-ewwel professur tal-Malti kont għadni tifel żgħir, qatt ma seta' jgħaddili minn moħħi li xi ħadd kien qed iħejji t-triq għall-istudji li jien dik il-ħabta ma kont naf xejn fuqhom u l-anqas kont naf bihom u biż-żmien kellhom jifformaw l-ewwel materjal tal-kattedra tiegħi tal-Malti u ilsna orjentali. Kien hemm studjużi oħra tal-Malti li minn rajhom għax ħassew is-sejħa tad-demm intefgħu għall-istudju tal-Malti, min bħala delettanti qabdu triq ħażina għax min ġebbed il-Malti mill-Lhudi u min ġebbdu mill-Isqalli u lkoll flimkien għamlu taħwida lingwistika.

Kien Cremona u bħalu Napuljun Tagliaferro, u Ġanni Vassallo, li bid-dehen ta' moħħhom qabdu t-triq it-tajba, fetħu t-triq għall-istudju xjentifiku ta' l-ilsien Malti. Imma kien Cremona, li, b'nifs itwal u b'sens ta' sabar u resistenza fi żminijiet ta' persekuzzjonijiet tal-Malti, baqa' sejjer bl-istudji tiegħu u wasal biex sar ta' bil-ħaqq wieħed mill-bennejja ta' l-ilsien Malti.

Il-konferenza tiegħu, "X'inhu l-Malti Safi?", għalkemm żgħira fil-qabda bħala monografija qasira, l-*Element Neo Latino nel Maltese* hija biex ngħidu hekk il-ftuħ tat-triq it-tajba għall-istudju xjentifiku tal-Malti, għal daqshekk, Cremona jistħoqqlu jissejjaħ lingwist tajjeb pijonier tal-Malti, għalhekk nieħu pjaċir bih ma' ġenbi u fejni bħala eżaminatur tal-Malti, għax kont nammira fih is-sabar u r-reqqa u l-kuxjenza skrupluża.

Meta maż-żmien li jagħmel tiegħu fuqna lkoll, talabni nneħħih minn eża-minatur, ngħid li ħassejt għafsa ta' qalb u tfixkilt min sa nibda nagħżel minn floku li jista' jagħmel ix-xogħol tiegħu bl-istess reqqa.

Meta sirt nafu lis-Sur Nin kont għadni student l-Università, ngħix mal-familja taz-ziju tiegħi l-Birgu, għax kieku bħala iben il-ħaddiem kif kont stajt immur l-Università? Kien iż-żmien iebes tat-twegħir kontra l-Malti u jekk it-twegħir kien iebes għal dawk li ma ridux jaraw lil ilsien mis-

sierijiethom imżeblaħ u msejjaħ ilsien tal-kċina, kemm kien iebes għall-impjegat tal-Gvern bħal ma kien is-Sur Nin li kellu jobdi ordnijiet tal-Ministeru ta' dik il-ħabta biex jitaljanizza l-ortografija tal-Malti kontra l-prinċipji tiegħu. Is-Sur Nin li kien imrobbi f'kultura taljana sa minn tfulitu fis-Seminarju ta' Għawdex, imma ta' studjuż moħħu ċar, ma ħalliex il-politika tavvelih billi ma ħallatx l-istudju magħha jew qagħad għall-ordnijiet ta' min kien fuqu u ħalla għall-istorja ta' żminijietna dokument li fih ta raġunijiet xjentifiċi li wrew biċ-ċar li l-ortografija li riedu jimponulu la kienet xjentifika u lanqas loġika. Dan id-dokument ġie f'idejja, u biex iż-żagħżagħ jibqgħu jiftakru, jien ġibtu kelma b'kelma f'wieħed mill-istudji tiegħi dwar l-istorja tal-kitba bil-Malti miġbur ma' oħrajn fil-ktieb tiegħi, *Paper in Maltese Linguistics*, li ġera d-dinja, studjawh mijiet ta' studenti, u jinsab fl-aqwa libreriji tad-dinja fosthom fl-Università ta' Sydney fl-Awstralja. Hadt gost naraħ ma' kotba oħra fl-1968.

Għadni niftakru jiġi għandi l-Birgu jurini l-Manuskritt tal-*Fidwa tal-Bdiewa* miktub bil-kaligrafija ta' waħda minn ħutu l-bniet, tgħaxxaqt u ħajjartu joħorġu ktieb. Miss May Butcher qalbitu bl-Ingliż u jiena xandartu fil-*Journal of the Faculty of Arts*. Xi xeni minnu nħadmu fit-Tejatru Manoel; u sentejn ilu ħadmuh kollu għall-beraħ fil-Palazz ta' Verdala taħt id-direzzjoni ta' Mrs. Binns.

Niftakar kemm feraħ meta għamilt il-kritika tal-ktieb tiegħu *Weraq Mar-Riħ* u kemm fraħt jiena meta rajt il-kritika tiegħi miġbura spejjeż tiegħu għax is-Sur Nin mhux biss hu lingwista imma wkoll bniedem letterat, kiteb proża u poeżija miġbura fil-ktieb *Rand u Riħan* u barra dan hu wkoll folklorista li jista' jgħodd bħala frott tiegħu l-aqwa folklorista li għandna llum u li ismu magħruf barra minn Malta s-Sur Ġużè Cassar Pullicino. Dan dejjem isemmili kemm ħa gost meta snin ilu, wara li qara essay ta' natura folklorista, (is-sur Ġużè Cassar Pullicino kien għadu tifel) għamillu l-qalb biex ikompli jfittex fil-folklore Malti li llum dan ix-xogħol hemm kattedri fl-aqwa Universitajiet tad-dinja. Studju li jien nittama u naħseb li jirnexxili li ndaħħal bħala wieħed mill-frieghi ta' l-istudji — wirt missirijietna. Dak li dejjem ammirajt fis-Sur Nin, barra l-ġenjalità tiegħu, li jaf jiċċajta u jaf jieħu ċajta, huwa li l-interess tiegħu qatt ma qata' fl-istudju u fil-letteratura. L-istamperija ta' l-Università għandha għall-pubblikazzjoni żewġ kotba, wieħed ta' proża u l-ieħor ta' poeżija, ix-xewqa tiegħu kif naf li hija xewqa tagħna wkoll, li joħorġu ma jdumux biex huwa jkollu l-konsolazzjoni li jarahom stampati, jarahom bħal missier li qabel jagħlaq għajnejh l-aħħar u l-akbar xewqa tiegħu jerġa' jara lil uliedu. Meta għidtilkom li kellu nteress serju fil-letteratura, bil-kelma dejjem, nifhem il-kelma sa issa, fl-għomor ta' disgħin sena bid-data ta'

23 ta' Mejju, moħħu ċar, it-talba tiegħu kienet li nitlob ir-Rettur ta' l-Università issa li t-traduzzjoni ta' l-Ingliż ta' *Il-Fidwa tal-Bdiewa* hija stampata kollha (l-aħħar żewġ atti stampati sa joħorġu fil-*Journal of the Faculty of Arts* li ġej) ir-Rettur jogħġbu li kif jgħid li huwa wiegħdu, li t-traduzzjoni stampata biċċa biċċa toħroġ fi ktieb biex jistgħu jagħarfuh ukoll il-barranin.

Wasal il-ħin biex nagħlaq it-taħdita tiegħi u dan l-għeluq sejjer ikun l-ewwelnett tislima tiegħi *lilu*, tifħira ta' ammirazzjoni għalih bħala studjuż, eżempju taż-żgħażagħ tal-lum u ta' għada, u tifħira lill-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex li mhux biss laqa' t-talba lill-Prim Ministru ta' Malta iffirmata minn ħafna ammiraturi tiegħu, u bix-xewqa u bit-talba tagħhom ilkoll li fl-aħħar ta' xjuħitu jkollu l-Konsolazzjoni ta' pensjoni ċivili mhux tant għall-flus imma bħala turija ta' gratitudini u apprezzament bħalma kellu x-xorti Dun Karm li bit-tħabrik ta' dak il-bniedem ta' qalb tajba is-Sur Ġużè Ellul Mercer, dik il-ħabta Ministru tax-xogħlijiet, kiseb mingħand il-gvern laburista pensjoni ċivili li għinitu biex iżomm id-dinjità ta' persuntu fl-aħħar żmien ta' ħajtu.

Baqagħli issa nwassal f'isem ir-Rettur ta' l-Università tagħna il-Professur Edwin Borg Costanzi it-tislijiet lil Ninu Cremona l-isbaħ xewqat ta' ħajja ħabrieka u studjuża – sa l-aħħar kif kienet mill-bidu.

(Minn din it-taħdita 'l hawn kienu ħarġu ż-żewġ Antoloġiji ta' Cremona mill-Università. Dwar il-Pensjoni, b'sogħba kbira ngħidu, li din ma ngħatat minn ebda amministrazzjoni – Nota ta' l-Editur).